~~ħinnom''; *ħosanna*, bl-Arami *ħoxagħna*, għajta ta' ferħ bħal ''evviva''; *talita qumi* ''tfajla qum''; *effata* ''infetaħ'' *eli, eli lama sabaktani* ''Alla tiegħi, Alla tiegħi għala tlaqtni (sbaqtni)''.~~

~~P. P. SAYDON.~~

# F'LIEMA ŻMIEN TGĦAMMED ĠESU'

F'Jannar tiġi l-Epifanija, li bil-Malti tajjeb ingħidulha Għid il-Ħammiem. Ir-Raba' Kmandament tal-Knisja, kienu jgħallmuna meta konna żgħar, hu: ''Tagħmilx żwieġ mill-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent sa Nhar il-Ħammiem''.

Epifanija hi kelma bil-Grieg, li tfisser Dehra, jiġifieri, meta Sidna Ġesù Kristu deher bħala Iben Alla. L-ewwel darba, meta dehret il-Kewkba tas-Saħrin; it-tieni, meta niżlet fuqu Ruħ il-Qodos, fil-Ġurdan; u t-tielet, meta biddel l-ilma f'inbid, fit-tieġ ta' Qana. Ħammiem, tfisser bħal Magħmudija, jew niżla fl-ilma bil-ġisem kollu. Għax l-Insara ta' l-antik kienu jagħmlu t-tiġdid jew tifkira tal-Magħmudija, billi jinżlu fl-ilma ġisimhom kollu, dak in-nhar li ssir it-tifkira ta' meta tgħammed Ġesù. Hawn sa nitħaddtu ftit, mhux fuq id-dehra lis-Saħrin, anqas fuq it-Tieġ ta' Qana, imma fuq il-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġurdan.

Għid il-Ħammiem jiġi fis-6 ta' Jannar, imma aktarx, u aktar minn



**Ix-Xmara tal-Ġurdan imfawwra. F'nofs ir-ritratt jidher il-għarix il-kbir tal-Għarab u ftit lejn il-lemin, il-baldakkin u l-artal tal-Franġiskani (ara l-għadd ta' qabel dan, faċċata 4) imgħawwmin fl-ilma. Ix-xmara tfur fix-xitwa, kull meta jagħmel ħafna ilma, u fis-sajf meta jdub is-silġ ta' fuq il-Ħermon, (Ġebel ix-Xiħ).**

aktarx, li dan isir biss bħala tifkira. Tifkira ta' xi ħaġa biex ma tinsihiex, tagħmilha meta trid. Għax bħalma l-Milied isir f'Diċembru, imma aktarx li Ġesù twieled f'Mejju, jew ta' l-anqas f'April (għalhekk kien hemm ir-rgħajja barra bil-lejl, għax ma kenitx ix-xitwa), hekk ukoll, għad li t-tifkira tal-Magħmudija ta' Ġesù ssir f'Jannar, il-ġrajja ġrat aktarx fir-rebbiegħa, fix-xahar ta' bejn April u Marzu, li l-Lhud kienu jgħidulu Nisân, qabel Għid il-Kbir.

Għax biex tifhem ġrajja li ġrat f'xi pajjiż, trid tkun taf dak il-pajjiż. U hekk, biex tifhem ġrajja li ġrat fil-Palestina, trid tkun taf il-Palestina. Mela, ħa' ngħidu xi ħaġa fuq il-Ġurdân.

Il-Ġurdân jibda minn djul l-iġbla tas-Surija, li fuqhom ikun hemm is-silġ is-sena kollha. L-ibgħad nixxiegħa tiegħu qiegħda 1,560 xiber ogħla mill-Baħar Mediterran. Minn hemm jinżel ftit u jidħol f'għadira jgħidulha: Il-Hula. Minn hemm joħroġ u jibqa' sejjer u jarġa' jidħol fl-għadira ta' Tabarija; u joħroġ minn Tabarija, u wara ħafna tisrip, jidħol fil-Baħar il-Mejjet, li hu għadira oħra, u jibqa' hemm. Il-mixja tiegħu kollha hi ta' 128 mil. Mill-Hula sal-Baħar il-Mejjet, f'nofs il-Palestina, hemm ħondoq, egħmiq, twil u wiesa' (ma hawnx bħalu fid-dinja kollha) li jgħidulu: il-Għor. Il-Ġurdân għaddej min-nofs dan il-ħondoq. Dan il-ħondoq qiegħed taħt is-setaħ, jiġifieri, taħt il-*livell* tal-Baħar Mediterran. Il-Għadira ta' Tabarija hi aktar l-isfel mill-Baħar 682 xiber, u l-Baħar il-Mejjet, 1,291 xiber. Ġewwa dan il-ħondoq, billi hu egħmiq, tagħmel sħana kbira u l-art ġewwa fih mielħa, għal hekk ma jinbet ebda ħaxix. U billi ma jinbet xejn ma hemm raba u anqas irħula. Kull fejn iddawwar wiċċek, xori, barr u waħx. Minn Ġerusalem sal-Ġurdân (tgħaddi minn ġewwa dan il-ħondoq, ma għandniex xi ngħidu) hemm bgħid ma' dwar disa' u għoxrin mil.



**Ix-xmara tal-Ġurdan f'sikkitha.**

**Tidher fiha d-dgħajsa tal-Franġiskani b'ġewwa fiha Raħeb u Għarbi, bl-imqadef f'idejh.**

Issa miktub fl-Evanġelju li meta San Ġwann kien ixandar it-tewba u jgħammed, marru ħdejh in-nies ta' Ġerusalem u tal-art kollha ta' Lhudija. Dan juri li ma kienx is-sajf. Għax min hu dak li sa jimxi mixja ta' xi 29 mil (mill-Belt sal-Mellieħa darbtejn u kemm il-mil fuqhom), b'saqajh jew fuq xi għerq ta' ħmara, f'xemx taqli u sħana, bħal dik li tagħmel fil-Għor?

Anqas ma kien fix-xitwa, għax fix-xitwa tagħmel ix-xita ħemm, bħal ma tagħmel hawn, u rħula fejn jistgħu jiskennu n-nies ma' tul it-triq ma kienx ħemm. Anqas ma jista' jkun fil-ħarifa, għax f'Novembru tfur ix-xmara, u ddum imfawra qatiegħ, u l-ilma joħroġ 'il barra ħafna (darba kont għaddej minn ħemm meta faret. Trid tarah l-ilma ħiereġ minn fuq xtut ix-xmara għal fuq l-art, idur-idur u jobrom!) u San Ġwann fl-ilma kien jgħammidhom lin-nies, mhux fit-tajn. Mela ma satax kien għajr fir-rebbiegħa.

U ħafna kittieba wkoll jgħidu li fir-rebbiegħa kien. Għax qabel il-Għid kienu jiġu qatiegħ Lhud mit-Transġordanja għal Ġerusalem u kienu jaqsmu x-xmara qrib Bejt-Għebâra, fejn kien jgħammed San Ġwann. Għax ħemm ix-xmara wiesgħa u l-ilma baxx, li kienu jgħaddu minnha b'saqajhom huma u l-bhejjem tagħhom; mhux baqar u ħmir biss, imma saħansitra nagħaġ u mogħoż. Kif kienu jkunu għaddejjin, San Ġwann kien iħajjarhom jagħmlu t-tewba, jiġifieri jbiddlu ħajjithom, u ma jagħmlux deni aktar, bdiel deni, jibdew jagħmlu l-ġid.

Il-lum kull meta naraw xbieha tal-Magħmudija ta' Ġesù, naraw lil San Ġwann isawwablu l-ilma fuq rasu minn sadfa, jew qoxra ta' gajdra. Imma, bħal ma l-Għar ta' Betlehem ma hux kif narawh fil-Presepji (kif inhu sew tafu, għax ġibnielkom ir-ritratt tiegħu fil-ħarġa tal-Milied), hekk ukoll San Ġwann ma għammedx lil Ġesù bit-tiswib tal-ilma fuq rasu, kif narawh fix-xbiehat. San Ġwann kien jgħammed lin-nies billi jgħaddashom fl-ilma ġisimhom kollu, kif baqgħu bosta drabi jgħammdu l-insara għal ħafna żmien u kif għadhom jgħammdu l-Griegi sal-lum. Il-magħmudija bit-tiswib biss daħlet fil-Knisja wara żmien.

Miktub fl-Evanġelju li San Ġwann kien jgħix fix-xôri tal-Lhudija. Ħemm qrib fejn kien jgħammed San Ġwann kien ħemm jgħixu fix-xôri, ħafna Eremiti Lhud, jgħidulhom Esseni. Xi nies jaħsbu li S. Ġwann kien wieħed minnhom, għax huma fost l-oħrajn, kellhom id-drawwa li jitħamm'mu ġisimhom kollu, qishom jitgħammdu, darba jew darbtejn kull jum.

Donnha li l-magħmudija ta' San Ġwann kienet bħala stqarrija li dak li jkun irid ibiddel ħajtu, jiġifieri ma jagħmelx dnub aktar. Għax kienet magħmudija tat-tewba. U tewba fil-lsien ta' dak il-pajjiż hekk tfisser: ma tagħmelx aktar xi ħaġa li ma għandhiex issir. It-tifsir tal-kelma *penitenza*, bil-Latin, u *tewba*, bix-Xami, ma jfissrux sewwa sew ħaġa waħda. Fit-tifsir ta' TEWBA ma ħemmx li għandek taħqar lilek in-nifsek, bħal ma ħemm fit-tifsir ta' PENITENZA.

FRA PIFAN, O.F.M.

---

## ~~DUWA TAL-FELLAHIN~~

**~~Kif tneħħi t-tbenġil~~**

~~Meta taħbat xi mkien minn ġismek u titrabbilek tebgħa vjola, jiġifieri tbenġila, biex tneħħiha malajr, idlikha bl-għasel nej u orbotha b'ħarqa nadifa. Wara ftit it-tbenġila tmur.~~

**~~Ix-xewka taż-żunżan~~**

~~Biex tgħaddilek, idlikha biż-żejt taż-żebbuġ, jew isħaq ftit weraq tal-ħubbejża u orbotha fejn tak ix-xewk iż-żunżan.~~